**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 4 ta` Ottubru 2016**

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 1337/2016 JZM fl-ismijiet :**

**Nigel Muscat (K.I. 361195M)**
**Redent Muscat (K.I. 413587M)**

***kontra***

**Awtorita` tad-Djar**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-**15 ta` Settembru 2016**. Mar-rikors kienet prezentata ittra u affidavit tar-rikorrent Nigel Muscat.

Fil-**15 ta` Settembru 2016**, il-Qorti tat digriet fejn, wara li laqghet provizorjament it-talba ghall-hrug tal-Mandat, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimata, tatha ghaxart (10) ijiem zmien biex tipprezenta risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-27 ta` Settembu 2016 fil-11.00 a.m.

L-intimata kienet notifikata fil-**15 ta` Settembru 2016** u pprezentat risposta bil-miktub fl-20 ta` Settembru 2016. Mar-risposta kienu prezentati erba` affidavits.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta` Settembru 2016. Fl-udjenza Mario Magro, bhala rapprezentant tal-intimata, iddikjara ghal kull fini u effett tal-Art 873(3) tal-Kap 12 illi fid-data tan-notifika tar-rikors, l-eviction order ghar-rigward tal-fond 11, Verdala Housing Estate, Cospicua, kien diga` esegwit kontra r-rikorrenti, u ghalhekk hemm nieqes diga` wiehed mir-rekwiziti ghall-hrug tal-mandat.

Ir-rikors thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

**Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti biex tordna l-hrug ta` l-Mandat halli l-intimata tinzamm milli tkompli bil-process ta` eviction order fil-fond bin-numru hdax (11) gewwa Verdala Housing Estate, Cospicua.**

## III. Konsiderazzjonijiet

Mhux kontestat illi l-fond de quo jaqa` taht ir-responsabilita` tal-intimata.

Daqstant iehor mhux kontestat illi r-rikorrenti m`ghandhomx titolu ghall-fond de quo.

Jidher illi r-rikorrenti hadu l-azzjoni tal-lum ghaliex jidher li qeghdin jippretendu xi dritt li jiddetjenu l-fond de quo, ghaliex mill-mument li dahlu jokkupaw il-fond de quo jsostnu li ghamlu spejjez fih sabiex jirrendu abitabbli l-istess fond u ghixu fil-post. Ghalhekk huwa evidenti li qeghdin jaghmlu l-almu taghhom sabiex il-fond jibqa` ghandhom. Dan hareg car mit-trattazzjoni li ghamel id-difensur tar-rikorrenti waqt l-udjenza tas-27 ta` Settembru 2016.

Min-naha taghha, l-intimata, fl-istess udjenza, permezz tad-difensur taghha, u b`zieda ma` dak li kienet diga` rrilevat fir-risposta, sostniet li r-rikorrenti m`ghandhomx titolu, u ghalhekk kellha tinsisti fuq l-zgumbrament

tar-rikorrenti, bhala okkupanti llegali tal-fond, propju ghaliex l-intimata ghandha ghan socjali dettat mil-ligi kostituttiva taghha li toffri akkomodazzjoni socjali lil min haqqu, bl-eskluzjoni ta` preferenzi jew abbuz.

Dan premess, il-Qorti tghid illi d-disposizzjoni li tirregola procediment tax-xorta tal-lum huwa l-**<u>Art 873 tal-Kap 12</u>**.

L-artikolu huwa kompost minn erba` subincizi. Dawk rilevanti ghall-kaz tal-lum huma l-ewwel tlieta ; b`mod partikolari t-tielet subinciz, fil-kaz tal-lum.

Ighidu hekk :-

*(1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma.*

Din tal-lum hija talba ghall-hrug ta` Mandat li tinkwadra ruhha fis-subinciz tlieta (3).

It-tliet subincizi <u>kif inhuma llum</u> dahlu fil-Kap 12 bis-sahha tal-Art 102 tal-Att XIV tal-2006.

Tajjeb jinghad illi qabel l-emenda bl-Att XIV tal-2006, is-subinciz tlieta (3), li kien gie ntrodott ghall-ewwel darba bl-Art 8 tal-Att VIII tal-1981, kien jaqra hekk :-

*Il-qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-*

*kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq ma jkunx jista` jigi rimedjat.*

Minn analizi tas-subincizi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 <u>kif inhuma llum</u>, wiehed isib illi din il-Qorti hija prekluza milli ("*m`ghandhiex*") tordna l-hrug tal-Mandat, kif qeghdin jirrikjedu r-rikorrenti, <u>sakemm</u> ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti :-

i) Illi l-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti
ii) Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li ghandhom dawk il-jeddijiet ;
iii) Illi l-intimat ma jikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir ;
iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-pregudizzju li jinholoq mir-rikorrenti, kemm –il darba ma jinharigx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li r-rikorrenti jitolbu li tigi mizmuma.

Il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal xi principji li hargu mill-gurisprudenza tal-qrati taghha dwar kif ghandhom jitqiesu r-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat, u li huma rilevanti ghall-kaz tal-lum :-

1) Dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza <u>**Grech pro et noe vs Manfre`**</u> (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru `prima facie`, ma` l-ewwel daqqa t`ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

2) L-element tal-pregudizzju llum bhala l-bazi biex tkun milqugha talba ghall-hrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`ghadux dak ta` pregudizzju *li ma jkunx jista` jigi rimedjat*, kif kien il-kaz qabel dahlet l-emenda ghall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum bizzejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-hrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun *sproporzjonat* fis-sens illi jkun manifestament ta` zvantagg u ta` hsara ghar-rikorrent jekk il-haga titwettaq.

3) L-elementi li jwasslu ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi <u>mhux</u> alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti <u>hija obbligata</u> tichad it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat.

4) Il-procedura tal-Mandat hija eccezzjonali u straordinarja ("**Xuereb noe vs Hili noe**" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).

5) Il-procedura tal-lum hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Huwa propju ghalhekk li l-ligi stabbiliet zminijiet qosra u precizi li fihom it-talba ghall-hrug ta` l-Mandat ghandha jew tintlaqa` jew tigi michuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma ghandu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta` l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud, allura l-jedd pretiz ma jezistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista` jew m`ghandu jippretendi li bil-metodu sommarju ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan premess, il-Qorti tissofferma ruhha fuq it-tielet (iii) rekwizit ghall-hrug ta` Mandat li - kif dedott - jikkostitwixxi **pregudizzjali.**

Ghalhekk jekk l-intimata (jew rapprezentant taghha) ma jikkonfermawx fil-qorti bil-miftuh li l-haga li taghha qed tintalab iz-zamma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, il-Mandat ma jkunx jista` jinhareg. Dan ikompli jfisser illi jkun ghal kollox inutili li l-Qorti tistharreg jekk jirrizultawx ir-rekwiziti l-ohra fil-kaz li ma ssirx il-konferma skond it-tielet (iii) rekwizit.

Fil-kaz tal-lum, fl-udjenza tas-27 ta` Settembru 2016, kien ikkonfermat mir-rapprezentant ta` l-intimata illi dak li kellu jsir kontra r-rikorrenti kien **fil-fatt diga` sar** qabel l-intimata kienet notifikata bir-rikors. Fi kliem semplici, l-izgumbrament tar-rikorrenti kien diga` ezegwit, u allura ma kien hemm xejn aktar xi jsir. Li hekk huwa l-kaz kien ikkonfermat mid-difensur tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

**Il-Qorti ghandha quddiemha cahda mill-intimata minghajr ekwivoci ta` l-essenza tat-talba tar-rikorrenti.**

**Din il-Qorti tafferma illi ghall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi procediment ghall-hrug ta` Mandat ta` din ix-**

**xorta, tistharreg u tindaga l-mertu tad-dikjarazzjoni li tkun qeghda ssir quddiemha fil-miftuh. Jekk tidhol ghal investigazzjoni ta` din in-natura, il-Qorti tkun qeghda tohrog barra mill-binarji previsti mill-Art 873(3).**

**Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi *l-qorti tkun sodisfatta* dik il-frazi mhijiex qeghda tirreferi ghall-konferma o meno, izda qeghda torbot mar-rekwizit erbgha (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju".**

**Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uza l-konguntiv *u*. Ghal din il-Qorti dan sar sabiex min-naha wahda jaghmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naha l-ohra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iz-zewg rekwiziti jridu jsehhu flimkien.**

**Billi t-tielet (iii) rekwizit ghall-hrug tal-Mandat huwa nieqes, u billi r-rekwiziti huma kumulattivi mhux alternattivi, il-Qorti *m`ghandhiex* tordna l-hrug tal-Mandat. Ghalhekk fic-cirkostanzi ma hemmx htiega li l-Qorti tqis is-sussistenza tar-rekwiziti l-ohra.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment, billi filwaqt li qeghda thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta` Settembru 2016 safejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez ta` dan il-procediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**